# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2017.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Rikors Numru 689/17**
**fl-ismijiet:**

**Susanne Marie Hackenbruch**
**(K.I. 61136A)**

**vs.**

**D17 Seven Ltd (C 72919) u**
**Darren Frendo (I.D. 404180M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat il-5 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1 u 13);

3. Reghet rat ir-risposta tal-intimati datata l-10 ta' Mejju, 2017, (ara foll 30);

4. Regghet rat l-istess rikors guramentat promotur u rriapuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 1 u 56);

5. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Mejju, 2016, fejn ghar-raguni hemm indikata, regghet irriappuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 60 u 61);

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi sintetikament ir-rikorrenti qed titlob li jitharsu d-drittijiet taghha billi l-intimati:

7.1. Jinzammu milli jkomplu jibnu l-hajt bil-mod indikat fl-istess rikors promotur;

7.2. Jinzammu milli jhaffru u jiskavaw f'distanza kif indikat fl-istess rikors promotur;

7.3. Jinzammu b'mod generali kif indikat fl-istess rikors promotur milli jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8. Illi minn ezami tad-dokumenti *in atti*, inkluzi r-ritratti esebiti, jirrizulta bl-aktar mod lampanti li fl-agir taghhom l-intimati abbandunaw ghal kollox ir-regoli tal-konvivenza civili u bnew u skavaw fejn dehrilhom minghajr l-icken preokkupazzjoni ghad-drittijiet ta' terzi – f'dan il-kaz tar-rikorrenti – anke billi invadew il-proprjeta` taghha;

9. Illi fil-fehma tal-qorti dan l-agir tal-intimati jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti *in prima facie* u ghalhekk hi sodisfatta li r-rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi konsegwentement din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

10.2. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat il-5 ta' Mejju, 2017, b'mod li issa l-mandat in dizamina jinhareg b'mod permanenti;

10.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**